**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 43 - L-ERBGĦA 20 TA' LULJU 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier (permezz ta' zoom) |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija | Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Viċi Sindku li ta r-raġuni tiegħu għalfejn ma setax jattendi għal-laqgħa. Il-Kunsill qies l-assenza tiegħu bħala ġustifikata. Informa wkoll li l-Kunsillier Brincat se jingħaqad mal-laqgħa b'mod virtwali.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 42 li saret l-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022** li kienu meqjusa moqrija.

2.2 Il-Kunsilliera Cuomo talbet li tiġi emendata numru 3.6 biex jitneħħa l-isem "Majjistral Action Group" u minflok issir MHRA. Il-mozzjoni għall-emenda għaddiet *nem con.*

2.3 Il-minuti ġew approvati kif emendati (*nem con*) wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Cuomo.

2.4 ***Arising* minn para. 2.3 dwar laqgħa mal-Ministru tal-Isports** - Is-Sindku saqsiet lis-SE dwar jekk kinux irrispondew għal korrispondenza tal-Kunsill.

Is-SE nfurmaha li kien għad m'għandux risposta u għalhekk se jerġa jibgħat kommunikazzjoni għal data oħra.

### 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku infurmat li x-xahar ta' Lulju kien xahar impenjattiv li ħallha riżultati pożittivi minkejja d-diffikultajiet li l-Kunsill jiltaqa' magħhom fis-Sajf.

3.2 Is-Sindku ppreżentat il-kommunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.3 Is-Sindku infurmat li l-bankijiet tal-Pjazza tan-Naxxar kellhom bżonn jinżebgħu kif ukoll tiġi rranġata l-*phone booth* tal-Pjazza. Sar arranġament mal-Fondazzjoni Żoni Turistiċi biex ix-xogħol isir minn naħa tagħhom u l-Kunsill iħallas għall-materjal.

3.4 Fid-29 ta' Ġunju saret l-ewwel laqgħa fil-Greċja bħala parti mill-proġett Ewropew DEVICE (*Developing European Volunteers International Civic Engagement*). Bħala delegazzjoni min-Naxxar attendew is-Sindku, s-SE u l-Kunsillier Gatt. Din kienet l-ewwel laqgħa ta' dan il-proġett u se jsiru erba' laqgħat oħra aktar tard din is-sena.

3.5 Fit-30 ta' Ġunju ġiet inawgurata arti kommemorrattiva tal-Artist Paul Haber. Din saret bħala parti mill-proġett transazzjonali bejn il-Grupp Azzjoni Lokali tal-Majjistral, mir-Rumanija u mill-Macedonia fi Ġnien il-Ħaddieda. Dan il-proġett sar biex iqajjem kuxjenza fuq l-Ambjent u t-tibdil fil-klima filwaqt li jippromwovi l-prodott agrikolu Lokal u l-imprenditorja. Din l-arti tissinifika l-iskop tal-proġett u l-kollaborazzjoni. Preżenti għal din l-okkażjoni kien hemm il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Cuomo attendiet bħala rappreżentant tal-Kunsill ta' din il-fondazzjoni. Il-Kunsill se jkun qiegħed iħallas għall-bażi tal-arti.

3.6 Fis-6 ta' Lulju saret laqgħa mad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet dwar Ġnien Santa Marija tal-Anġli, Baħar iċ-Ċagħaq fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-SE u l-Kunsillier Cuomo. Minn naħa tad-Diviżjoni kien hemm preżenti tliet uffiċjali, inkluż il-Perit inkarigat. Fid-diskussjoni kien hemm qbil li jsiru dawn l-affarijiet; netting mal-pitch tal-futbol, manutenzjoni tal-ħofra biex tiġi fuq l-istess livell tal-kumplament tal-ġnien, jiġu nstallati CCTVs, tiġi nstallata bandla għat-tfal bid-diżabilità, manutenzjoni fuq iz-zuntier, jitnaqqas il-ħadid li hemm fin-nofs tat-taraġ, jittieħdu miżuri biex ma jħallu lil ħadd jitla fuq il-latrina, jiġi nstallat *soft flooring in situ,* isir *socket outlet* fejn il-gazebo. Dawn kienu l-ħsibijiet tagħhom u kien għad fadal li jkun hemm l-approvazzjoni tal-fondi għalhekk ma setgħux jgħatu d-dati meta se jsir ix-xogħol. Kien hemm qbil li l-ġnien jitħalla miftuħ u mhux jingħalaq.

*3.7* Fit-8 ta' Lulju saret laqgħa mal-President ta' Islas del Mar Project u Dr Ivana Legname, President tal-Assoċjazzjoni ta' The Islands Malta and Sicily. Ġie diskuss biex flimkien jaħdmu aktar fil-qrib bħala gżejjer u tissaħħaħ l-irwol tal-mara. Isiru aktar promozzjonijiet fil-kultura u arti ta' kull pajjiż.

*3.8* Is-Sindku infurmat li fit-8 ta' Lulju twaħħlu t-tabelli ta' *no entry* fid-daħla taż-żona Xatt il-Palm. L-għada filgħodu dawn it-tabelli osfru u b'hekk is-SE għamel l-arranġamenti biex id-dħul jiġi mblukkat permezz ta' blokka tal-konkos.

*3.9* Fil-11 ta' Lulju saret konferenza stampa fejn kien pjanat il-*caravan site* temporanja. Preżenti għal din il-konferenza stampa mas-Sindku kien hemm is-SE, il-Kunsillieri Deguara u Gatt.

*3.10* Fit-12 ta' Lulju saret laqgħa mal-Ministru tat-Turiżmu Clayton Bartolo fejn ġie diskuss li l-permess se jiġi sospiż biex titlesta l-*policy* fuq il-*caravan sites.* Wara, l-Kunsill ikun jista' jippreżenta l-*bye law* mill-ġdid. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-SE.

*3.11* Fil-15 ta' Lulju kien se jittieħed il-vot tal-*caravan site* temporanja. Din l-applikazzjoni ġiet irtirata minn IM. Dan il-ġest ġie apprezzat mill-Kunsil sabiex flimkien jibdew jiddiskutu dwar dan is-suġġett aktar fid-dettal.

*3.12* Is-Sindku stiednet lill-Kunsillier Cuomo tgħaddi l-informazzjoni fuq Baħar iċ-Ċagħaq.

3.12.1 Il-Kunsillier Cuomo infurmat li fis-27 ta' Lulju se ssir laqgħa għal kommunità ta' Baħar iċ-Ċagħaq fuq iz-zuntier tal-Knisja.

3.12.2 Hi infurmat ukoll li saret laqgħa għall-'korsijiet ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-Kunsillier Gatt. Il-Kunsillier Cuomo tkellmet mal-komunità tal-patrijiet sabiex dawn il-korsijiet isiru fis-sala tal-Knisja. Il-Kunsill se jkun qed iħallas għal post fejn se jsir.

3.12.3 Hi ssuġerit li l-Kunsill japplika għal fondi tal-Majjistral Action Group Foundation dwar Miżura 4: Development of Green Infrastructure. Ġie deċiż sabiex niġbru biżżejjed informazzjoni rigward din l-applikazzjoni u ssir komunikazzjonima' Ambjent Malta. Il-Kunsill qabel.

*3.13* Fil-15 ta' Lulju saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Ġie diskuss l-isfidi li l-Kunsill jiltaqa' ta' kuljum. Is-SE prepara preżentazzjoni fuq ix-xogħlijiet kemm dawk preżenti u dawk futuri. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-SE u l-Kunsillieri Cuomo u Gatt. L-Onor. Zerafa Civelli iddiskrivit lil Kunsill bħala Kunsill t'eċċellenza.

*3.14* Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva applikazzjoni minn Naxxar Lions Football Club biex fid-19 ta' Awwissu tingħalaq il-Pjazza biex jiġi organizzat BBQ. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din it-talba.

*3.15* Hi infurmat li s-SE attenda għal tnedija tal-ELOGE – European Label of Governance Excellence. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsill jekk jaqbilx li jerġa japplika għal din il-label. Is-SE informa li għal din l-applikazzjoni tikkonsisti ħafna xogħol minn naħa tal-amministrazzjoni għaliex ikun meħtieġ ħafna informazzjoni. Il-Kunsill fehem il-problema li tinħoloq fuq l-amministrazzjoni jekk il-Kunsill jiddeċidi li japplika. Il-Kunsill iddeċida li jibda bil-proċess tal-applikazzjoni però jekk jara li ma jkunx jista' jlaħħaq fil-ħin li japplika, jirtira l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel.

*3.16* Is-Sindku infurmat rigward ix-xogħlijiet li għaddejin fl-Outdoor Gym. Hi infurmat li bħalissa qed isiru l-marki fejn se jitwaħħal it-tagħmir.

3.17 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Managing Authority (MA) rigward il-proġett tal-Mitħna tal-Għaqba.

3.17.1 Hi spjegat li l-MA qed jinsistu li kien hemm nuqqasijiet fl-evalwazzjoni (*literature list)* tas-sejħa tal-offerti tal-*Finishing Works on Tal-Għaqba Windmill.* Għal dawn in-nuqqasijiet l-MA qed titlob lil Kunsill iħallas is-somma ta' €34,600 li jfisser 25% tal-kuntratt. Is-SE informa li wieħed minn nuqqasijiet kienu li IGLU

riedu jkollhom il-*CE markings* li kien zball minn naħa tal-Perit. Is-SE informa li dan kien żball ġenwin u li hu stess ikonferma mal-kumpaniji li dawn ma joħorġux bil-*CE markings.* Hi infurmat li fuq dawn in-nuqqasijiet il-Kunsill kellu laqgħa mal-MA fejn il-Perit tal-Kunsill kien preżenti għal laqgħa. Il-Perit ta r-raġunijiet tiegħu fuq dawn in-nuqqasijiet. Waqt il-laqgħa d-Direttur Ġenerali tal-MA ikkonferma li fehem is-sitwazzjoni però insista li dawn in-nuqqasijiet l-Unjoni Ewropea ma taċċetahomx.

3.17.2 Is-Sindku spjegat korrezzjoni oħra li rimarkaw l-MA rigward il-kiri ta' tagħmir ta' *sound* waqt il-konferenza stampa li saret fil-bidu tar-restawr tal-mitħna. Din il-korrezzjoni finanzjarja tammonta għal €78. Il-Kuntratt ta' din il-kwotazzjoni kien tal-ammont ta' €320. Dan in-nuqqas kien għaliex ma kienx hemm żmien biex jintbgħatu kwotazzjoni u lanqas il-Kunsill ma sab lil min biex jipprovdu dan is-servizz.

3.17.3 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill qed joġġezzjona għal dawn iż-żewġ nuqqasijiet. Dan għaliex li l-Kunsill mexa fuq ir-regoli finanzjarji u allura il-Kunsill qed jikkontesta.

3.18 Is-Sindku infurmat li nhar il-Ħamis 21 ta' Lulju se ssir laqgħa mas-sidien tal-ħwienet tal-inħawi tal-Pjazza bħala konsultazzjoni fuq l-inizjattiva tal-Pjazza għan-nies. Hi infurmat li l-Kunsill hu konxju mix-xewqat tar-residenti minħabba l-problemi li jaffaċja. Dawn jinkludu nuqqas ta' parkeġġ, nuqqas ta' aċċesibiltà, ammont kbir tat-traffiku, tniġġis u ħsejjes. Però nħas il-ħtieġa li għal din id-darba jiltaqgħu ma' tal-ħwienet biss. Dan għaliex li l-ħwienet jinbidlu u allura l-Kunsill xtaq jara n-neċċesita preżenti x'inhuma. Is-Sindku infurmat li dan l-għeluq se jservi bħala esperiment għal inizjattivi u proġetti fil-futur.

3.19 Is-Sindku awgurat lil CEO il-ġdid ta' Infrastructure Malta. Hi appellat sabiex ix-xogħlijiet jibdew malajr fit-Triq Leli Falzon u Vjal 21 ta' Settembru. Dan għaliex it-toroq gravaw aktar.

***Ġie deċiż li f'dan il-ħin jingħaqdu mal-accountant permezz ta' zoom fejn jiġu spjegati r-rapport finanzjarju 2021 u r-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena 2022.***

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/43) anness f'appendiċi A.

5.1.2 Lista ta' dħul tax-xahar ta' Ġunju anness f'appendiċi B.

5.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' ta' Ġunju anness f'appendiċi Ċ.

5.1.4 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Ġunju anness f'appendiċi D.

5.2 Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju 2021 li kien intbgħat lil Kunsillieri qabel il-laqgħa (anness f'appendiċi E). L-*accountant* spjegat fid-dettal dan ir-rapport

5.3 Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena lil Kunsillieri qabel il-laqgħa (anness f'appendiċi F). L-accountant spjegat fid-dettal dan ir-rapport.

5.4 Il-Kunsill approva r-rapporti (*nem con*) fuq proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Deguara.

**6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI**

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret il-Ħamis 14 ta' Lulju 2022 (anness f'appendiċi Ġ).

6.2 Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem con*) fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Abela. .

**7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret il-Ħamis 14 ta' Lulju 2022 (anness f'appendiċi G).

7.2 Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem* con) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

**8. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

8.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 24 ta' Awwissu 2022 fis-17:45.

8.2 Il-Laqgħa ntemmet fis-19:20.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |